DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 10/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Anness IX (Is-servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 160/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE tat-8 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat [2] għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 29g (Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness IX tal-Ftehim:

"29ga. **32007 L 0014**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE tat-8 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 27)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2007/14/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(1) ĠU L 124, 8.5.2008, p. 26.
(2) ĠU L 69, 9.3.2007, p. 27.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

DIKJARAZZJONI MILL-ISTATI TA' L-EFTA DWAR ID-DECIŻJONI Nru 10/2008 LI TINKORPORA D-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/14/KE FIL-FTEHIM

"Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE tat-8 ta' Marzu 2007 li tistipola r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi poviżjonijiet tad-Direttiva 2004/109/EC dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'relazzjoni ma' l-informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ fis-suq regolat jitratta f'diversi Artikoli b'rekwiżiti ekwivalenti għall-pajjiżi terzi. L-inkorporazzjoni ta' din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE."